PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' sessjoni

12.11.2008 B6-0588/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0481/2008

skont l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Annemie Neyts-Uyttebroeck, Renate Weber, Elizabeth Lynne u Fiona Hall

f'isem il-Grupp ALDE

dwar Il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster

B6-0588/2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster adottata minn 107 pajjiżi fil-konferenza diplomatika li saret f'Dublin mid-19 sat-30 ta' Mejju 2008,

– billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se tkun miftuħa għall-iffirmar mit-3 ta' Diċembru 2008 f'Oslo, u wara fin-Nazzjonijiet Uniti fi New York, u se tidħol fis-seħħ wara li jkunu nkisbu 30 ratifika,

– wara li kkunsidra l-messaġġ tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-30 ta' Mejju 2008, li fih ħeġġeġ 'lill-Istati biex jiffirmaw u jirratifikaw din il-ftehima importanti mingħajr dewmien' u stqarr li jistenna bil-ħerqa 'd-dħul fis-seħħ tiegħu fi żmien qasir',

– jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tas-soċjetà ċivili, b'mod partikulari tal-Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster, biex tintemm it-tbatija umana kkawżata minn dan it-tip ta' munizzjon,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se tipprojbixxi l-użu, il-produzzjoni, il-ħażna u t-trasferiment tal-Munizzjon tat-tip Cluster bħala kategorija sħiħa ta' armi;

B. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se teħtieġ li l-Istati kontraenti jeqirdu l-ħażniet ta' dan it-tip ta' munizjon,

C. billi l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster se tistabbilixxi standard umanitarju ġdid għall-għajnuna tal-vittmi u se teħtieġ li l-Istati jeħilsu mill-fdalijiet ta' munizzjon tat-tip cluster li ma splodewx u li tħallew wara l-kunflitt;

1. Jistieden lill-Istati kollha biex mal-ewwel opportunità jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster;

2. Jistieden lill-Istati kollha biex jieħdu passi fil-livell nazzjonali sabiex jibdew l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster, anki qabel ma tiġi ffirmata u rratifikata;

3. Jistieden lill-Istati kollha sabiex qabel ma tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster ma jużawx, ma jaħżnux, ma jipproduċux, ma jittrasferux u ma jesportawx munizzjon tat-tip cluster u ma jinvestux f'dan it-tip ta' munizzjon;

4. Jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE li użaw munizzjoni tat-tip cluster biex jipprovdu għajnuna lill-popolazzjonijiet milquta u jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid l-għajnuna finanzjarja, permezz tal-istrumenti kollha disponibbli, lill-komunitajiet u lill-individwi milquta minn munizzjon tat-tip cluster li ma splodix;

5. Jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE li użaw munizzjoni tat-tip cluster biex jipprovdu għajnuna teknika u finanzjarja għall-iżgumbrar u l-qerda tal-fdalijiet tal-munizzjon tat-tip cluster u jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid l-għajnuna finanzjarja għall-istess għan permezz tal-istrumenti kollha disponibbli;

6. Jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex ma jieħdu l-ebda azzjoni li tista' twassal biex jiġu evitati jew ipperikolati l-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip Cluster u d-dispożizzjonijiet tagħha;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Koalizzjoni kontra l-Munizzjon tat-tip Cluster.